**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tnejn, 20 ta' Novembru, 2017**

Numru 5

**Appell Nru. 21/2017**

**Kunsill Lokali Marsaskala**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u**
**l-kjamat in kawza Shaban Abdel Ghany**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Shaban Abdel Ghany tat-28 ta' Awwissu 2017 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-27 ta' Lulju 2017 li hassar il-permess ta' zvilupp PA 3310/16;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell hu null ghax sar fuori termini u fil-mertu ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta ta' Kunsill Lokali Marsascala li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Dan huwa appell mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala bhala external consultee registrat kontra l-hrug tal-permess tal-izvilupp de quo rigward mwejjed u siggijiet fl-apert quddiem stabbliment tal-ikel u xorb, f'sit fuq it-triq li prezentament tintuza bhala parti minn parkegg pubbliku fi Pjazza Dun Tarcis Aguis, biswit ix-Xatt.

L-aggravju ewlieni jirrigwardja n-nuqqas ta' parkegg bit-tehid tal-art ghall-uzu ta' mwejjed u siggijiet. Illi l-Kunsill qed jinsisti li z-zona li hija wahda ta' natura kummercjali li ma tistax titlef parkegg, u kull zvilupp simili m'ghandux jintlaqa' qabel il-lokalita' jkollha parkegg centrali li ghad irid jigi mibni.

Illi kemm l-Awtorita' kif ukoll l-permit holder qed jinsistu li l-izvilupp huwa konformi mal-Policies fil-linja gwida dwar l-outdoor catering areas [Policy, Guidance and Standards for Outdoor Catering Areas on Public Open Space (2016)], filwaqt li hemm il-kunses tal-Awtorita' dwar it-Transport [A fol 67 fl-inkartament tal-PA 3310/16] kif ukoll l-Awtorita' dwar it-Turizmu [Ibid. A fol 66A].

Illi mill-inkartament tal-PA 3310/16, it-Tribunal jinnota li l-istabbiliment kummercjali gja huwa servut b'zona ta' outdoor catering, bl-ahhar permess ikun ghal istruttura ta' canopy skont il-PA 6506/06 [mahrug fis-26 ta' Novembru 2007] f'parti tas-sit li huwa front gardrn skont il-Pjan Lokali [South Malta Local Plan Mappa MS A3]. L-izvilupp odjern huwa ntiz li jkabbar l-outdoor catering area billi jigi estiz fi triq bl'installazzjoni ta' pjattaforma fuq it-triq li prezentament hija okkupata minn zewg parkeggi ta' vetturi.

Illi l-estensjoni ta' outdoor catering area fuq parking spaces hija regolata bil-Policy P8 tal-linja gwida, ghalkemm tali policy hija cara illi kull kaz 'shall be assessed on its own merits', u ghaldaqstant thalli diskrezzjoni lill-Awtoritajiet jekk jilqghux jew le tali talbiet ghall-estensjoni ta' outdoor catering fuq parkegg.

Illi fil-kaz odjern, l-Awtorita' naqset li tikkunsidra l-ilmenti tal-appellanti li huma gustfikati fis-sens illi z-zewg parkeggi mhumiex izolati, imma jaghmlu parti minn parkegg miftuh ghall-pubbliku fil-parti tal-Pjazza Dun Tarcis Aguis, hekk wiehed johrog minn Triq Sant'Anna u jdur ghal fuq Triq ix-Xatt.

Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li filwaqt li l-outdoor catering facilities huma nkorraggiti f'zoni turistici, bhal fil-kaz odjern, dawn ma jistghux jigu kunsidrati b'mod izolat jew indiskriminatament minn konsiderazzjonijiet ohra, bhal

servizz ta' parkegg li l-istess zoni jirrikjedu biex jiffunzjonaw. Is-sit jghamel parti minn parkegg pubbliku miftuh, u ghaldaqstant tali konsiderazzjoni kellha tigi meqjusa fil-kuntest wiesgha ta' ppjanar tajjeb, iktar u iktar meta nuqqas ta' parkegg f'zoni turistici u kummercjali jinhass sewwa kif sottolinjat mill-Kunsill Lokali tal-lokalita' koncernanti.

Ghal dawn il-motivi, dan it-Tribunal qed jilqa' l-appell u konsegwentament qed ihassar il-permess tal-izvilupp PA 3310/16.

**Ikkunsidrat**

L-ewwel aggravju li ghandu jigi kunsidrat hu illi l-appell sar fuori termine u ghalhekk hu null. Jirrizulta illi d-decizjoni tat-Tribunal inghatat fis-27 ta' Lulju 2017. L-appell gie intavolat fit-28 ta' Awwissu 2017. It-terminu tal-appell skond il-ligi hu ta' ghoxrin jum u ghalhekk hu car li l-appell gie intavolat wara zmienu u kwindi hu null.

**Decide**

Ghal din ir-raguni l-Qorti qed tiddikjara l-appell ta' Shaban Abdel Ghany irritu u null billi iddahhal wara t-terminu preskritt mill-ligi ghal prezentata ta' appell. Spejjez ghall-appellant.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur